MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 810/2007

**Mobisle Communications Limited
(C 24655)**

**Vs**

**Pirella Supermarkets Ltd**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u sitta u sebghin euro u tmienja u sebghin centezmi (€676.78c) – (LM290.54) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mis-socjetà konvenuta skond Client Contract Number 1002706 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhar ta’ bejn Ottubru 2005 u Dicembru 2005. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Lulju 2007 u dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz tat-Talba, u bl-imghax legali sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u sitta u sebghin euro u tmienja u sebghin centezmi (€676.78c) – (LM290.54), bl-imghax legali dekoribbli mit-30 ta' Lulju 2007 (id-data ta' l-ittra ufficjali) sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba, huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------